# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 1**

**Appell numru 98/99**

**Emanuel Degiorgio ghal Bad Boy Limited**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti;**

1. Il-fatti l-aktar saljenti li taw lok ghal dana l-appell jistghu jigu elenkati, fil-qosor, b'mod kronologiku, b'dana l-mod :-

(a) Is-socjeta' kummercjali, li indikat lilha nnifisha bhala "Bad Boy Ltd." applikat lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex tinghata permess li taghmel "change of use of premises into office" u dana referibbilment ghal fond "Helena", Flat 1, Triq il-Prinjolata, Ta' Xbiex. Din l-applikazzjoni iggib in-numru 4733/94 u giet registrata bhala wahda valida fil-5 ta' Awissu 1994.

(b) Fid-29 ta' Novembru 1994, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar harget Avviz ta' Twettiq li jgib ir-riferenza ECF569/94 kontra l-imsemmija socjeta' fuq l-allegazzjoni li hija kienet biddlet l-uzu tal-post fuq imsemmi billi kkonvertietu f'ufficini u kienet qeghda taghmel uzu kummercjali mill-istess fond minghajr permess.

(c) L-imsemmija socjeta' "Bad Boy Ltd.", tramite l-perit taghha, intavolat appell fit-12 ta' Dicembru 1994 minn dana l-Avviz tat-Twettiq quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ("il-Bord"). Dana l-appell inghata n-numru ta' riferenza 331/94E.

(d) Fit-22 ta' Lulju 1995, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar iddecidiet l-applikazzjoni msemmija numru 4733/94 billi rrifjutat li tohrog il-permess mitlub mill-istess socjeta' u dana ghall-hames ragunijiet li gew moghtija lill-istess applikant.

(e) Fit-8 ta' Awissu 1995, l-istess socjeta' "Bad Boy Ltd.", tramite l-perit taghha, intavolat appell minn din id-decizjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tat-22 ta' Lulju 1995 quddiem l-imsemmi Bord. Dana l-appell inghata n-numru ta' riferenza 378/96.

(f) Billi evidentement il-meritu taz-zewg appelli kien konness, jidher li l-istess zewg appelli bdew jinstemghu kontestwalment quddiem il-Bord.

(g) Iz-zewg appelli gew michuda mill-Bord b'zewg decizjonijiet separati li t-tnejn inghataw fl-istess gurnata cioe' fis-7 ta' April 1999.

2. Fis-16 ta' April 1999, gie introdott quddiem din il-Qorti rikors ta' appell propost minn Emanuel Degiorgio izda fi kwalita' differenti minn dik li fiha kien qieghed jidher quddiem il-Bord. Infatti, r-rikors kien maghmul minn Emanuel Degiorgio ghan-nom u in rapprezentanza ta' "Bad Boy General Cleaners Ltd.", illum "Bad Boy Cleaning Services Ltd.". F'dan ir-rikors Ir-rikorrenti jaghmel riferenza ghaz-zewg decizjonijiet moghtija mill-Bord fis-7 ta' April 1999, u spjega f'hiex kienu jikkonsistu l-aggravji tieghu dwar l-istess decizjonijiet. Fil-parti konkludenti tar-rikors tal-appell tieghu, l-appellant jghid testwalment hekk :-

> "Bir-rispett jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad kemm l-avviz biex jieqaf u ta' twettiq kif ukoll in kwantu tichad ir-rifjut tal-appell tal-Bord tal-Ippjanar mid-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp in konnessjoni mal-applikazzjoni tac-"change of use of premises into offices" f'Helena, Flat 1, Triq il-Prinjolata, Ta' Xbiex, u dan stante li dan il-bzonn mhux rikjest mil-ligi peress li l-fond in kwistjoni gie akkwistat qabel ma dahlet is-sehh l-Att numru 1 tal-1992."

3. Fit-22 ta' April 1999, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar intavolat ir-risposta tal-appell taghha. Hija resqet diversi pregudizzjali, fosthom il-kwistjoni preliminari li l-appell odjern kien null :-

> "billi messhom saru zewg appelli quddiem din l-Onorabbli Qorti u mhux appell wiehed gja' la darba saru zewg appelli distinti u nghataw zewg decizjonijiet distinti mill-Bord ta' l-Appell."

## (ii) KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi din il-Qorti sejra tinvestiga dina l-ewwel pregudizzjali mressqa mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghaliex jekk din l-eccezzjoni tinstab li hija gustifikata isegwi li din il-Qorti ma jkollhiex ghalfejn tidhol fil-meritu tal-appell jew fl-eccezzjonijiet l-ohra mressqa mill-istess Awtorita' ta' l-Ippjanar.

5. Kif diga' intqal, is-socjeta' li sejhet lilha nnifisha bhala "Bad Boy Ltd.", kienet intavolat zewg appelli distinti u separati quddiem il-Bord. Wiehed sar billi dik is-socjeta' hassitha aggravata minn l-Avviz ta' Twettiq li hareg fid-29 ta' Novembru 1994, liema appell kien igib in-numru ta' riferenza 331/94E. Fl-appell l-iehor, l-istess socjeta', kienet hassitha aggravata mid-decizjoni tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar mehuda fit-28 ta' Lulju 1995 u li biha l-istess Awtorita' rrifjutat il-permess li kien intalab mill-applikant biex ikun hemm bdil ta' uzu tal-fond in kwistjoni. Ghalkemm il-Bord jidher illi beda jitrattta dawn iz-zewg appelli kontestwalment, pero', huwa ddecieda li jiffinalizza z-zewg appelli b'mod separat billi ta zewg decizjonijiet separati ghalkemm l-istess decizjonijiet inghataw fl-istess gurnata.

6. L-appellant intavola appell wiehed minn dawn iz-zewg decizjonijiet tal-Bord. L-Awtorita' ta' l-Ippjanar qeghda tissottometti li dana r-rikors tal-appell huwa null ghaliex ma kienx konsentit ghall-appellant li jintavola zewg appelli separati b'rikors wiehed.

7. Fil-fehma tal-Qorti, din is-sottomissjoni tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar hija proceduralment korretta. Dana billi quddiem il-Bord kien hemm zewg kawzi li tmexxew f'zewg f'processi separati li ghalkemm f'certu perjodu tmexxew flimkien, pero' l-Bord, fl-ahhar mill-ahhar, ghazel li jiddecidiehom b'zewg decizjonijiet separati u distinti. Bis-sahha tas-setgha moghtija lill-Bord mil-ligi, ezattament fil-paragrafu 10 tat-Tielet Skeda annessa mal-Att Numru 1 tal-1992, cioe' s-setgha li jirregola l-proceduri quddiemu, l-Bord seta' jaghzel li jiffinalizza dawn iz-zewg appelli f'decizjoni wahda. Infatti, din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet fejn kienet iddecidiet li l-Bord seta' jagixxi b'dan il-mod. Izda, la darba l-Bord ma ghazilx din it-triq u ddecieda li jemana zewg decizjonijiet separati, allura ma huwiex proceduralment konsentit lill-appellat li, sua sponte, jaghzel li jghaqqad iz-zewg proceduri flimkien u jintavola appell wiehed minnhom. Il-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili jipprospetta l-kaz ta' appell wiehed li jsir f'kazi ta' sentenzi separati fuq kwistjonijiet diversi pero', biex isir dan, l-istess sentenzi jkunu jridu jigu decizi fl-<u>istess kawza</u> – ara artikolu 231 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess Kodici pero', ma jipprospettax il-possibilita' li jsir appell wiehed minn senetnzi decizi f'zewg processi separati. Jista' jigi rilevat hawn li anke fil-kaz prospettat fl-artikolu 793 tal-Kap 12 cioe' dak ta' konnessjoni ta' kawza ma' ohra, f'liema kaz il-Qorti tista' tordna li l-kawzi jigu mismugha flimkien, is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 793 jiddisponi li sew fil-Qorti ta' l-ewwel grad kemm fil-Qorti fi grad ta' appell, ghandha tinghata f'kull kawza <u>sentenza separata</u>. Huwa ovvju li

fil-kaz ta' sentenzi bhal dawn, moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad, ma jistax isir appell minnhom b'rikors ta' appell wiehed, izda jridu jsiru appelli separati u distinti, nonostante li l-istess kawzi jkunu jistghu ikomplu jinstemghu flimkien quddiem il-Qorti fil-grad ta' appell. Ghalhekk, fil-kaz odjern l-appellant ma kienx proceduralment korrett meta ghazel li jintavola appell wiehed miz-zewg decizjonijiet in kwistjoni tal-Bord.

8. Il-Qorti sejra tindaga jekk tistax validament issalva l-atti. Huwa veru li din il-Qorti ghandha s-setgha li tikkoregi certi zbalji fl-atti gudizzjarji bis-sahha tad-disposizzjoni kontenuta fl-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Apparti l-fatt li l-appellant qatt ma talab lil din il-Qorti li taghmel l-ebda korrezzjoni fir-rikors promotur tieghu, din il-Qorti hija tal-fehma li ma tistax tordna li ssir ebda korrezzjoni fl-istess rikors, billi l-izball procedurali li fih huwa wiehed tant komprensiv u inerenti li l-Qorti ma tistax tara kif tista' qatt tordna li tikkoregih u b'hekk tissanah.

La darba r-rikors tal-appellant ma jistax jigi korrett, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara n-nullita' tal-istess rikors tal-appell. Lanqas jista' l-istess rikors jigi maghmul mill-gdid ai termini tal-artikolu 99 tal-imsemmi Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi ormai, z-zmien perentorju li fih kellu jsir, ilu li skada.

9. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u ghalhekk tiddikjara l-appell interpost mill-appellant bhala null

u bla effett fil-ligi u konsegwentement tichad l-istess appell bl-ispejjez ghall-istess appellant.

Dep/Reg

mg